

30.3.2022

A9-0062/15

**Emenda 15**

**Hélène Laporte, Valentino Grant, Joachim Kuhs, Roman Haider, Anna Bonfrisco**  
fisem il-Grupp ID

**Rapport**

**A9-0062/2022**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 8a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***8a. Jesprimi tħassib kbir, madankollu, dwar il-fatt li l-investimenti l-ġodda meħtieġa se jiġġarrbu mill-SMEs u mir-residenti tal-UE, li diġà qed jiffaċċaw żieda bla preċedent fil-prezzijiet tal-enerġija;***

Or. en

**Emenda 16**

**Hélène Laporte, Valentino Grant, Joachim Kuhs, Roman Haider, Anna Bonfrisco**  
f'isem il-Grupp ID

**Rapport**

A9-0062/2022

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 26***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

26. Jistenna li, anki wara l-kriżi attwali, l-ażil u l-migrazzjoni jibqgħu prijorità fuq l-aġenda tal-UE; ***jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju kontinwu għall-akkoljenza, ir-reġistrazzjoni, l-eżami u l-integrazzjoni tal-applikanti għall-ażil, u li jiġi żgurat finanzjament adegwat għall-objettivi speċifiċi tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, bil-ħsieb li tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil; jisħaq li din is-sistema trid tkun ibbażata fuq is-solidarjetà u r-responsabbiltà kondiviża, jiġifieri b'mod li wħud mill-Istati Membri ma jitgħabbewx iż-żejjed u b'mod sproporzjonat, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-promozzjoni tal-integrazzjoni, l-istabbiliment ta' qafas għall-migrazzjoni legali, kif mitlub mill-Parlament, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u t-titjib tas-sistemi għar-ritorn effettiv, sikur u dinjituż tal-persuni u għar-ritorn volontarju, f'konformità mal-valuri u l-impenji internazzjonali tal-UE; jappella, barra minn hekk, għal finanzjament adegwat għall-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi sabiex jissaħħu s-sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri;***

26. Jistenna li, anki wara l-kriżi attwali, l-ażil u l-migrazzjoni jibqgħu prijorità fuq l-aġenda tal-UE; ***jissottolinja, madankollu, il-falliment tal-politiki Ewropej attwali fil-prevenzjoni tal-flussi migratorji u tat-traffikar tal-bnedmin; itenni t-tħassib tiegħu dwar l-użu tal-finanzjament allokat fil-qasam tal-migrazzjoni, tal-ażil u tal-ġestjoni tal-fruntieri u dwar ir-rwol li mwettaq minn strumenti bħall-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li għandhom jiggarrantixxu l-implimentazzjoni xierqa ta' politika tal-ażil rigoruża f'konformità mal-istandards internazzjonali, filwaqt li jimblokkaw l-immigrazzjoni illegali, bl-iżgurar ta' kontrolli fil-fruntieri u b'appoġġ għal politika ta' ripatrijazzjoni adegwata;***

Or. en

30.3.2022

A9-0062/17

**Emenda 17**

**Hélène Laporte, Valentino Grant, Joachim Kuhs, Roman Haider, Anna Bonfrisco**  
fisem il-Grupp ID

**Rapport**

**A9-0062/2022**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 28a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**28a. Jitlob il-waqfien immedjat tan-negozjati mat-Turkija dwar l-adeżjoni mal-Unjoni u s-sospensjoni rapida tal-finanzjamenti kollha pprovduti lil dan il-pajjiż taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-finanzjament tal-Bank Ewropew tal-Investment, peress li t-Turkija qed tonqos milli tirrispetta għadd ta' prinċipji bażiċi ta' libertà u ta' demokrazija u li intensifikat l-aġir aggressiv tagħha, saħansitra 'l barra miż-żona tal-Mediterran, li jfisser li saret theddida reali għal bosta Stati Membri;**

Or. en

30.3.2022

A9-0062/18

**Emenda 18**

**Hélène Laporte, Valentino Grant, Joachim Kuhs, Roman Haider, Anna Bonfrisco**  
fisem il-Grupp ID

**Rapport**

**A9-0062/2022**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 33a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**33a. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi evalwat kif xieraq liema fondi jistgħu jkunu ġestiti aħjar fil-livell nazzjonali sabiex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tal-prinċipju tassussidjarjetà;**

Or. en

**Emenda 19**

**Hélène Laporte, Valentino Grant, Joachim Kuhs, Roman Haider, Anna Bonfrisco**  
fisem il-Grupp ID

**Rapport**

**A9-0062/2022**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 41**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

41. ***Ifakkar fil-ħidma essenzjali mwettqa*** mill-aġenziji deċentralizzati; iqis li l-aġenziji jrid ikollhom ammont xieraq ta' riżorsi umani u riżorsi oħra adegwati sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom; ***ifakkar*** li ***l-kompiti tal-aġenziji jevolvu f'konformità mal-prijoritajiet tal-politiki u jisħaq li r-responsabbiltajiet l-ġodda jridu jkunu akkumpanjati minn livelli korrispondenti ta' riżorsi ġodda;***

41. ***Jinnota r-rwol imwettaq*** mill-aġenziji deċentralizzati; iqis li l-aġenziji jrid ikollhom ammont xieraq ta' riżorsi umani u riżorsi oħra adegwati sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom; ***jissottolinja, madankollu, li l-għadd kumplessiv ta' aġenziji qed ikompli jikber; jappella għal investigazzjoni dwar l-iffrankar possibbli li jista' jsir f'dan ir-rigward;***

Or. en

30.3.2022

A9-0062/20

**Emenda 20**

**Hélène Laporte, Valentino Grant, Joachim Kuhs, Roman Haider, Anna Bonfrisco**  
fisem il-Grupp ID

**Rapport**

**A9-0062/2022**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 43**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

43. Iqis li, **meta** jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, l-appropriazzjonijiet meħtieġa għandhom ikunu disponibbli;

43. Iqis li, **jekk** jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa **wara li jitlestew il-valutazzjonijiet tal-impatt meħtieġa**, l-appropriazzjonijiet meħtieġa għandhom ikunu disponibbli **bl-użu tal-linji baġitarji eżistenti, mingħajr ebda żieda fil-kontribuzzjonijiet tal-kontribwenti; jitlob, barra minn hekk, trasparenza baġitarja fir-rigward tal-ispejjeż tal-konferenza;**

Or. en